CCT/161/24/S

Ritianne Demanuele

vs

FM Distribution Ltd

Illum 27 ta' Frar, 2026

It-Tribunal,

Ra t-Talba ta' Ritianne Demanuele ippreżentata fit-30 ta' Lulju, 2024, kif ukoll ir-risposta tas-soċjeta' FM Distribution Ltd. ippreżentata fit-13 t'Awwissu 2024;

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' lill-partijiet u lix-xhieda mressqa, u kif ukoll it-trattazzjoni mizmuma fis-seduta ta' l-24 t'Ottubru 2024.

Ikkunsidra

Illi din il-pendenza tirrigwarda *fridge* u *freezer* mixtrija fl-aħħar t'Ottubru 2022, u li wara sena u nofs sabu li l-bibien kellhom xi sadid ħiereġ minnhom;

Min-naħa tagħhom is-soċjeta' intimata għalkemm bagħtet darbtejn nies biex isolvu l-problema, sostnew illi s-sadid ma jaqax taħt il-garanzija, liema garanzija mhux iffirmata ġiet ippreżentata u mmarkata bħala dok DC1;

Illi dan it-Tribunal irid jikkunsidra jekk dan is-sadid jew il-frak tas-sadid li beda' joħroġ fil-bibien kienx difett illi kien hemm mal-ewwel jew inkella ħariġx mat-trapass taż-żmien;

Illi jingħad illi l-fatt li fil-garanzija hemm imniżżel b'tipa iktar qawwija li l-garanzija ma tkoprix is-sadid, jimplika jew illi dawn huma suġġett għall-ħruġ tas-sadid jew inkella illi l-materjal mhuwiex galvanizzat u għalhekk mat-trapass taż-żmien joħroġ is-sadid b'mod awtomatiku;

Illi tenut kont illi fi żmien sena u nofs beda' joħroġ dan is-sadid, dan huwa indikazzjoni li l-materjal kellu difett latenti meta seħħ il-bejgħ oriġinali u għalhekk ir-responsabbilta' tal-bdil tal-bibien taqa' kompletament fuq is-soċjeta' intimata;

Illi sempliċement kliem li jeżoneraw lill-manifattur jew lill-venditur minn xi responsabbilta', ma jfissirx illi tali responsabbilta' tkun ġiet trasferita jew imneħħija mill-istess venditur.

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati, u fiċ-ċirkustanzi tal-każ, u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' t-talba ta' Ritianne Demanuele u filwaqt li Jiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' FM Distribution Ltd u Jordna lis-soċjeta' FM Distribution Ltd. tbiddel iż-żewġ bibien tal-*fridge* u tal-*freezer* mingħajr ħlas u dan fi żmien xahar mil-lum.

Kull parti għandha tħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri quddiem it-Tribunal.

Richard Sladden Av.
Arbitru